# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Frar, 2001

**Numru**

**Avviz numru: 1509/99mm**

**John Vella, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Ballut Blocks Limited**

**vs**

**Lawrence Mamo u Catherine mart l-istess Lawrence Mamo, ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta’ l-attur nomine ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ sitt mija u disgha u erbghin lira Maltija u (Lm649.00), rapprezentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ *bricks* tal-konkrit mibjugha u ikkonsenajti lill-konvenuti mis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tal-25 ta’ Jannar, 1999, u ta’ l-ittra ufficjali tat-8 ta’ Frar, 1999, u tal-Mandat ta’ Qbid kontestwalment prezentat, oltre ghall-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-22 ta’ Frar, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.